MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 880/2009

**Accent Clear Traders Co. Ltd C 8998**

**Vs**

**Sovereign Hotels Limited (C1538) u**
**Ronald Azzopardi ID 700661 M**

**It-Tribunal,**

**Ra** li s-socjeta' attrici qed **titlob** li l-konvenuti jigu kundannati jhallsuha *in solidum* elfejn, mija u erbatax-il Ewro sitta u tmenin centezmi (€2,114.86c) bilanc minn somma akbar ghal xoghol ta' reklamar, stampar u dizinjar. Flimkien ma spejjes ta' ittra ufficjali u mghax.

**Ra** r-RISPOSTA tal-konvenut Ronald Azzopardi li hu personalment mhux legittma kontradittur u ghandu jigi mehlus, bl-ispejjes. Fil-mertu, iz-zewg debituri qed jghidu li t-talbiet attrici huma nfondati u ghandhom jigu respinti, bl-ispejjes.

## PROVI

A1 **John Pace**, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, qal li huma jaghmlu xoghol ta' *marketing* u gbir ta' debiti. Klijent kien talbu jigborlu flus minghand il-konvenut u hekk sar. Ronald Azzopardi kien talbu jaghmillu xi xoghol ta' reklamar u (bi prekawzjoni minn naha tax-xhud) dan Azzopardi qal lix-xhud li jekk il-kumpanija konvenuta ma tasalx, kien jasal hu personalment.

2 Ghall-ewwel beda jhallas regolarment; wara beda jiskartah u spicca jtih xi LM10. Qatt ma sar ilment dwar il-hidma tas-socjeta' attrici. Hawn l-attur ghadda biex ipprezenta b'nota d-Dok A-I, *statements u invoices*.

B Minn meta xehed John Pace fl-udjenza tat-8 ta' April 2010 'l quddiem, mill-udjenza li kien imiss (24 ta' April 2010) il-partijiet ivverbalizzaw li kien hemm possibilita' ta transazzjoni sa ma fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2011 il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut. Provi li qatt ma gew sa ma l-kawza thalliet ghas-sentenza.

## KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL iqis li hu soddisfacentement pruvat li s-socjeta' attrici hi kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont miltub. Dwar dan hemm ix-xhieda ta' John Pace munita bid-dokumenti minnu esibiti. Dan kollu ma gie b'ebda mod kontradett mis-socjeta' konvenuta.

2. Dwar l-involviment ossia r-responsabilta' ta' Ronald Azzopardi personalment, il-pozizzjoni mhiex cara. Id-dokumenti kollha hargu fuq isem is-socjeta' konvenuta u meta l-attur kien jitkellem ma Ronald Azzopardi kien jaf li dan kien qed jitellem ghan-nom tal-kumpanija u fejn hemm xi firma tieghu din ghandha tittiehed bhala firma ghall-kumpanija.

3. Fil-fatt kulma jghid John Pace dwar ir-responsailta' personali ta' Ronald Azzopardi hu li dan kien qallu (meta l-hlas ma baqax tant pront) li fejn ma tasalx il-kupanija konvenuta jasal hu. F'dan it-TRIBUNAL ma jsibx xi rabta

specifika u inekwivoka li ggieghlu jqis lill-kovneut marbut *in solidum* mal-kumpanija konvenuta. Iktar kien speci ta' nkoraggiment lil John Pace biex dan ma jaqtax jinnegozja mal-kumpanija konvenuta.

**KONKLUZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) waqt li jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut Ronald Azzopardi li hu mhux legittmu kontradittur u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju (2) **jilqa** t-talba tas-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u (3) **jikkundanna** lis-socjeta' konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici il-*quantum* mitlub ta' elfejn, mija u erbatax-il Ewro sitta u tmenin centezmi (€2,114.86c) flimkien mal-ispejjes tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Lulju 2007 b'dana li (4) fuq il-*quantum* dovut jghaddi l-imghax kif mitlub u (5) bl-ispejjes kollha ta' dina l-kawza jkunu a kariku tas-socjeta' konvenuta

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------